



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 126/12
II-Lussemburgo, it-8 ta' Ottubru 2012

Stampa u Informazzjoni

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Sostituzzjoni parzjali tal-Qorti tal-Ġustizzja u dħul fil-kariga ta' Membru ġdid tal-Qorti Ġenerali

Udjenza solenni tat-8 ta' Ottubru 2012

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-25 ta' April 2012, tal-20 ta' Ġunju 2012 u tal-20 ta' Settembru 2012, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2018, il-mandati bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Alexander Arbabadjiev, George Arestis, Maria Berger, Jean-Claude Bonichot, Anthony Borg Barthet, Carl Gustav Fernlund, Egidijus Jarašiūnas, Egils Levits, Jiří Malenovský, Alexandra Prechal, Antonio Tizzano u Thomas von Danwitz.

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-25 ta' April 2012 u tal-20 ta' Ġunju 2012, inħatru bħala Mħallfin, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2018, José Luís da Cruz Vilaça, minflok José Narciso da Cunha Rodrigues, u Christopher Vajda, minflok Konrad Schiemann.

Permezz ta' deċiżjonijiet tal-25 ta' April 2012 u tal-20 ta' Ġunju 2012, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ġeddew, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2018, il-mandati bħala Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Yves Bot u Paolo Mengozzi. Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' April 2012, inħatar bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2012 u s-6 ta' Ottubru 2019, Melchior Wathelet, minflok Ján Mazák.

Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Settembru 2012, inħatar bħala Mħallef tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu bejn it-22 ta' Settembru 2012 u l-31 ta' Awwissu 2013, Eugène Buttigieg, minflok Ena Cremona.

Illum inżammet udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' José Narciso da Cunha Rodrigues, Ján Mazák, Konrad Schiemann u Ena Cremona, kif ukoll fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Membri l-għodda tal-Istittuzzjoni.

Curriculum Vitae tal-Imħallfin il-ġodda u tal-Avukat Ġenerali I-ġdid:

José Luís da Cruz Vilaça

Imwieded fl-1944; Professur fl-Università Kattolika u fl-Università Għida ta' Lisbona; kien Professur fl-Università ta' Coimbra u fl-Università Lusíada ta' Lisbona (Direttur tal-Istitut ta' Studji Ewropej); membru tal-Gvern Portuġiż (1980-1983); Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Intern, waqt il-presidenza tal-Kunsill tal-Ministri u tal-Affarijet Ewropej; deputat fil-Parlament Portuġiż, viċi President tal-grupp Demokratiku Kristjan; Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja (1986-1988); President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (1989-1995); avukat membru tal-Avukatura ta' Lisbona, espert fid-dritt Ewropew u fid-dritt tal-kompetizzjoni (1996-2012); membru tal-grupp ta' riflessjoni dwar ir-riformi tas-sistema ġudizzjarja Komunitarja "Groupe Due" (2000); President tal-Bord ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Ewropea (2003-2007); President tal-Assoċjazzjoni Portuġiża tad-dritt Ewropew (mill-1999); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2012.

Christopher Vajda

Imwiedel fl-1955; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Cambridge; lawrea speċjali fid-dritt Ewropew mill-Université libre ta' Brussell (grad ta' distinżjoni għolja); ammess bħala membru tal-Avukatura tal-Ingilterra u ta' Wales (Gray's Inn, 1979); barrister (1979-2012); ammess bħala membru tal-Avukatura tal-Irlanda ta' Fuq (1996); Queen's Counsel (1997); bencher fil-Gray's Inn (2003); recorder tal-Crown Court (2003-2012); teżorier tal-United Kingdom Association for European Law (2001-2012); kontribuzzjoni fil-European Community Law of Competition (Bellamy & Child, mit-tielet sas-sitt edizzjoni); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2012.

Melchior Wathelet

Imwiedel fis-6 ta' Marzu 1949; gradwat fid-dritt u gradwat fix-xjenzi ekonomiċi (Università ta' Liège); Master of Laws (Harvard University, I-İstati Uniti); duttur honoris causa (Università ta' Paris-Dauphine); Professur tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Louvain u fl-Università ta' Liège; deputat (1977-1995); Segretarju tal-İstat, Ministru u Ministru-President tar-reġjun tal-Wallonie (1980-1988); Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Ġustizzja u tal-Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju u tal-Persuni li jaħdmu għal rashom (1988-1992); Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Ġustizzja u tal-Affarijiet Ekonomiċi (1992-1995); Viċi Prim Ministru, Ministru tad-Difiża Nazzjonali (1995); Sindku ta' Verviers (1995); Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1995-2003); Kunsillier ġuridiku, u wara avukat (2004-2012); Ministru tal-İstat (2009-2012); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ottubru 2012.

Eugène Buttigieg

Imwiedel fl-1961; gradwat fid-dritt mill-Università ta' Malta; Master fid-dritt Ewropew (Università ta' Exeter); Dottorat fid-dritt tal-kompetizzjoni (Università ta' Londra); legal officer mal-Ministeru tal-Ġustizzja (1987-1990); senior legal officer mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1990-1994); membru tal-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur (1994-2005); ġurist reviżur mal-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Gvern Lokali (2001-2002); membru tal-Bord fi ħdan l-Awtoritāt ta' Malta dwar ir-Riżorsi (2001-2009); konsulent legali fid-dritt Ewropew (mill-1994); kunsillier legali fid-dritt tal-kompetizzjoni u tal-konsumatur mal-Ministeru tal-Finanzi, tal-Ekonomija u tal-Investiment (2000-2010); konsulent legali dwar il-kompetizzjoni u l-affarijiet tal-konsumatur fl-Uffiċċċu tal-Prim Ministru (2010-2011), konsulent mal-Awtoritāt għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (2012); lecturer (1994-2001), senior lecturer (2001-2006), wara associate professor (mill-2007) u inkarigat mill-katedra Jean Monnet fid-dritt Ewropew (mill-2009) fl-Università ta' Malta; kofondatur u Viċi President tal-Assoċjazzjoni Maltija għall-Istudji tad-Dritt Ewropew; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mit-8 ta' Ottubru 2012.

Dokument mhux uffiċċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell  (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "Europe by Satellite"  (+32) 2 2964106